MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum l-Erbgha, 30 ta' Mejju 2018**

Rikors Numru 4/2014

**Raymond Xerri**
**(ID 230558M)**

**vs**

**Anthony Delia (ID 337869M), Martin Vassallo (ID 540675M)**
**u Raymond Delia (ID 53867M)**

Il-Bord,

Ra ir-rikors promotur ippresentat fit-28 ta' Lulju 2014 fejn ir-rikorrent talab is-segwenti:

*Illi l-mittenti huwa sid ta' cirka tomnejn raba', formanti parti mill-ghalqa isejha 'Tal-Kappuccini', fil-Kalkara u cioe' aktar precisament zewgt porzjonijiet ta' art kontigwi ghal xulxin, hekk kif jirrizulta mill-kuntratt ta' bejgh hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

*Illi l-mittenti fid-dsatax (19) ta' Marzu 1997 kera l-imsemmija propjeta lill-Anthony Delia u Martin Vassallo, u dan bi qbiela ta' mitt lira fis-sena (Lm100), skond skrittura privata hawn annessa u mmarkata bhala Dok B.*

*Illi l-intimati mhux qieghdin juzaw ir-raba skond id-destinazzjoni taghha u ghamlu zvilupp kontra l-ligi fuq l-istess art.*

*Illi in oltre l-intimat jenhtieg ir-raba biex tigi wzata ghal skopijiet agrikoli minnu personalment.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qieghed umilment jitlob li dan l-Onorabbli Qorti jawtorizzah jirriprendi l-pussess ta' l-imsemmija propjeta' fil-Kalkara.*

Ra id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent, ossija kuntratt ta' akkwist datat 6 ta' Lulju 1991 (fol 2) u skrittura privata bejn il-partijiet (fol 5)

Ra ir-risposta ta' l-intimati ippresentata fit-22 ta' Settembru 2014 fejn laqghu ghal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difizi:

1. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, bl spejjez kontra stess rikorrent.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u aspett preliminari w limitatament fir-rigward tal-intimat Martin Vassallo dan m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kirja inkwistioni biex b'hekk hu ghandu jig liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

3. *Illi di piu u minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu ir-rikors promotorju hu ghal kollox spekulattiv u dan peress li esponent dejjem imxew kif suppost bl-approvazzjoni w konoxxenza ta' stess rikorrenti u dan kif ser jigi ippruvat fil-mori tal-kaz.*

4. *Illi fir-rigward allegat 'skrittura privata" kif mehmuza fl-atti, din effettivament m'hiex skrittura imma ricevuta liema dokument ghandu jigi sfilzat stante i m'hux biss m'hemmx firma imma hemm dubbju serju fuq il-genwinita w b'hekk validita tad-dokument kif ezebit.*

5. *Illi di piu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, hu rilevanti li jigi indikat li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda meta l-istat ta' fatt ilu jippersisti b'approvazzjoni ta' l-istess rikorrent ghal snin liema haga ser ppruvata fil-mori tal-kaz biex b'hekk ma jistghux jifhmu kif stess rikorrent qed jazzarda jindika li kien hemm tibdil fid "destinazzioni taghha".*

6. *Illi di piu u minghajr pregudizzju, l-istess rikorrent qed juri li m'hux intiz fuq l-affarijiet tieghu ghax meta kien hemm akkordju l-art kien xaghri m'hux raba kif qed jigi indikat. Illi li l-istess rikorrent kien konxju li kienu ser isiru spejjez li saru bl-approvazzjoni tieghu fejn fl-istess hin r-rikorrent ghamel b'mod biex jipprotegi l-pozizzjoni tieghu liema haga ser tigi ippruvata fil-mori tal-kaz.*

7. *Illi di piu w minghajr pregudizzju, jekk l-art hi xaghri w m'hux saqwi mill-bidu nett, kif jista r-rikorrent juzah ghal skopjijet agrikoli? Illi ghalhekk jidher car li r-rikorrent qed ikompli jikxef l-fatt li qed iressaq kull tip ta' skuza biex jergha jirriprendi l-art taht kwalumkwe skuza taht il-kappa tax-xemx.*

Ra l-affidavit ta' **Raymond Scerri** (fol 15) ippresentat fit-3 ta' Dicembru 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu mressqa.

Ra l-affidavit ta' **Frederick Scerri** (fol 25) ippresentat fit-13 ta' Frar 2015.

Sema x-xhieda tal-**Perit Tancred Mifsud** (fol 29), prodott mir-rikorrent u moghtija fit 18 ta' Frar 2015 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni esebita mill-istess xhud kif ukoll ir-rikorrent waqt tali xhieda.

Sema x-xhieda ta' **Oliver Magro** (fol 35), prodott mir-rikorrent bhala rappresentant tal-Awtorita' tal-Ippjanar u moghtija fid 29 ta' April 2015 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni esebita mill-istess xhud waqt ix-xhieda tieghu.

Sema x-xhieda ta' **Alex Zammit** (fol 49), prodott mir-rikorrent bhala Semior Planning Officer tal-Awtorita' tal-Ippjanar u moghtija fl 10 ta' Gunju 2015 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni esebita mill-istess xhud waqt ix-xhieda tieghu.

Ra l-affidavit ulterjuri ta' **Raymond Scerri** (fol 63) ippresentat fit-30 ta' Settembru 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu mressqa, ossija ricevuta datata 19 ta' Marzu 1997 (fol 64).

Sema x-xhieda ta' **Anthony Delia** (fol 66), prodott mir-rikorrent u moghtija fit 30 ta' Settembru 2015 kif ukoll ir-ritratti esebiti mir-rikorrent waqt ix-xhieda ta' Delia.

Ra illi fit 30 ta' Settembru 2015 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Sema x-xhieda ta' **Raymond Scerri** (fol 69) prodott mill-intimat in kontro ezami u moghtija fil-11 ta' Novembru 2015 u rat id-dokumentazzjoni lil murija, ossija ricevuta datata 19 ta' Marzu 1997 (fol 83).

Sema x-xhieda ulterjuri ta' **Raymond Scerri** (fol 85) prodott mill-intimat in kontro ezami u moghtija fit-3 ta' Frar 2016 u rat id-dokumentazzjoni lilu murija.

Ra l-affidavits ta' **Silvio Delia** (fol 104), **Kate Farrugia** (fol 105), **Anthony Delia** (fol 107) u **Martin Vassallo** (fol 110) ippresentati fis 27 ta' April 2016.

Ra illi fis-27 ta' April 2016 il-Bord appunta lill-Perit Edgar Rossignaud u s-Sur Anthony Mifsud sabiex jaghmlu l-konstatazzjonijet teknici taghhom dwar l-art u l-uzu taghha u jirrelataw dwar l-istess.

Ra illi fit 30 ta' Gunju 2016 il-Membri Teknici ppresentaw ir-rapport taghhom (fol 114 sa 121).

Sema l-kontro ezami ulterjuri ta' Raymond Xerri illi saret fil 5 ta' Ottubru 2016, wara liema kontra ezami l-Bord iddikjara illi l-kontro ezami tieghu kien komplut.

Ra l-affidavit ulterjuri ta' Kate Farrugia ippresentat fil 5 ta' Ottubru 2016. (fol 123)

Ra id-domandi in eskussjoni illi saru lill-Membri Teknici fid 9 ta' Novembru 2016 (fol 131), ghal liema domandi l-Membri Teknici rrispondew fil 31 ta' Jannar 2017 (fol 149).

Sema x-xhieda in kontro ezami ta' Anthony Delia (fol 134) moghtija fil 11 ta' Jannar 2017.

Ra id-dokumentazzjoni ippresentata minn Anthony Delia fis-seduta tal-5 ta' April 2017 (fol 153).

Sema x-xhieda in kontro ezami ta' Silvio Delia (fol 154) moghtija fil 5 ta' April 2017.

Sema x-xhieda in kontro ezami ta' Martin Vassallo (fol 162) moghtija fil 21 ta' Gunju 2017 u ra il-ktieb tal-kera minnu murija, illi tieghu l-Bord ha kopja seduta stante (fol 183).

Sema x-xhieda in kontro ezami ta' Francesca sive Kate Farrugia moghtija fl-1 ta' Novembru 2017 (fol 192)

Ra illi fl-1 ta' Novembru 2017 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Ra is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur tar-rikorrent ippresentata fis 17 ta' Jannar 2018.

Ra is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur ta' l-intimati ippresentata fit 18 ta' April 2018.

Ra illi fit-18 ta' April 2018 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta illi r-rikorrent huwa sid ta' tomnejn art formanti parti mill-ghalqa inmsejha "Tal-Kappuccini", fil-Kalkara, liema art huwa akkwista fis 6 ta' Lulju 1991.

Jirrizulta illi fid 19 ta' Marzu 1997, ir-rikorrent, illi jikkontendi li ma jiktibx, kriha lill-intimati Twanny Delia u Martin Vassallo.

Jirrizulta illi r-rikorrent, in sostenn ta' tali fatt, ippresenta dokument, a fol 5 tal-process, illi jghid is-segwenti:

> *"Jiena Raymond Scerri se nikri din l-ghalqa lill __________ ghas-somma ta' Lm100 fis-sena. Bil-patt li l-affarjiet li jaghmel go fiha ma ghandux dritt ghal flus talli ghamel. Jekk nigi bzonnha ghal xi bini nohodha. Nikrijilek sena b'sena. Qed nikriha lil Twanny Delia u lil Martin Vassallo. Il-Kerra tibda mit-19-3-1997"*

Jirrizulta illi sussegwentement ir-rikorrent esebixxa kopja ta' ktieb tal-kera (fol 64) illi kien jghid is-segwenti:

> *"19/3/1997*
>
> *Jiena Raymond Scerri se nikri din l-ghalqa lill Twanny delia u lil Martin Vassallo bil Kerra ta' Lm100 fis-sena bil-patt li jekk tigi ghal bini ghandhek dritt tohodha. Nikrihielek sena b'sena din il-kera tibda mit-19-3-1997 sa 19-3-1998."*

Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontenti illi fis-sena 2006, il-gvern ha lura propjeta illi kienet fil-pussess tieghu u ghalhekk talab lill-intimat Twanny Delia jaghtih lura l-art, u wara illi dan irrifjuta, waqaf jehodlu aktar kera, filwaqt illi allega illi l-intimat beda jikteb il-ktieb tal-kera skond kif qabillu.

Jirrizulta illi r-rikorrent stqarr ukoll illi, fl-istess zmien, ghalkemm huwa kien ippermetta lill-intimat itella kamra wahda fil-propjeta, l-intimat zied il-kmanar u ghamel razzett zghir, bir-rizultat illi spicca rrapurta l-kaz lill-MEPA li, minn naha taghhom gharrfu illi, bhala sid tal-propjeta, kieu ser jimmutlaw lilu.

Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent jikkontendi illi fethu xatba fil-propjeta illegalment kif ukoll kien hemm raba illi ma kienetx qieghda tinhadem.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-intimati, mill-banda l-ohra, ippresentaw il-ktieb tal-kera, inizzjalment folja wahda bil-kulur (fol 83), u eventwalment il-ktieb shih '*animo ritirandi*' (fol 183), ta' liema ktieb il-bord ghamel kopja mhux bil-kulur stante illi kopji bil-kulur ma humiex possibbli jsiru fil-binja tal-Qorti ghax m'hemmx l-apparat mehtieg.

Jirrizulta, minn tali ktieb, illi fid-19 ta' Marzu 1997, il-kirja kienet saret lill Twanny Delia u Martin Vassallo (fol 183) u kellha bhala kontenut dak fuq rappurtat.

Jirrizulta, madanakollu, illi fis-snin ta' wara, ossija 19 ta' Marzu 1998 (fol 184), 19 ta' Marzu 1999 (fol 185), 19 ta' Marzu 2000 (fol 186), 19 ta' Marzu 2001 (fol 186), 19 ta' Marzu 2002 (fol 187), 19 ta' Marzu 2003 (fol 187), 19 ta' Marzu 2004 (fol 188), 19 ta' Marzu 2005 (fol 188), 19 ta' Marzu 2006 (fol 189), il-kirja kienet issa saret lil Twanny Delia u Raymond Delia w il-ktieb kien jghid is-segwenti:

> *Jiena Raymond Scerri se nikri din l-ghalqa lill Twanny Delia u lil Raymond Delia ghas-somma ta' Lm100 fis-sena. Billi l-affarjiet li jaghmel go fiha ma ghandhekx dritt ghal flus talli ghamel jew jekk nigi bzon inbiegha jew nohodha. Mikrija sena b'sena. Il-kera tibda mill 19-3-2006 sal 19-3-2007."*

Jirrizulta illi tali ricevuti huma kollha iffirmati mir-rikorrent Raymond Scerri.

Jirrizulta, finalment, illi fl-ahhar pagna tal-ktieb tal-kera, hemm skrittura, din id-darba mhix iffirmata, illi tghid is-segwenti: (fol 189)

> *Jiena Raymond Scerri sa nikri din l-ghalqa lill Anthony Delia u lil Raymond Delia bil kera ta' €232.94 ekwivalenti ghal Lm100 fis-sena bil-patt li jekk tigi ghal bini ghandi dritt nehodha u dan ghal perijodu ta' 10 ta' Marzu 2010 sat-18 ta' Marzu 2011."*

**Ikkunsidra**

Jirrizulta illi, fir-rikors promotur, ir-rikorrent talab ir-ripreza tal-ghalqa abbazi tal-fatt illi ma kienx qed isir uzu tar-raba skond kif miftiehem u ghamlu zvilupp kontra l-ligi, kif ukoll illi li r-rikorrent kellu bzonn ir-raba biex tigi qzata ghal skopjijiet agrikoli minnu personalment.

Jirrizulta, madanakollu, illi fix-xhieda tieghu, ir-rikorrent sahaq ukoll illi l-kirja minnu moghtija kienet "sena b'sena" u ghalhekk il-kirja kienet skadiet u kellu dritt jiehu lura l-ghalqa.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-intimati, fid-difiza taghhom (fol 9), sahqu illi, preliminarjament, Martin Vassallo kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghax ma kellu x'jaqsam xejn mal-kirja in kwistjoni filwaqt illi, fuq il-meritu, in succint l-intimati sahqu illi x-xogholijiet kollha li kienu saru, saru bl-approvazzjoni tar-rikorrent stess.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta illi l-Bord qabbad, bhala Membri Tekinici sabiex jassistuh, lill-Perit Edgar Rossignaud u lill-Espert Anthony Mifsud, illi accedew fuq il-post u ghamlu s-segwenti osservazzjonijiet:

> *Id-dhul tar-raba huwa permezz ta' xatba inn fuq sqaq li jippermetti dhul ta' vetturi kbar. Ezatt wara din ix-xatba hemm fetha wisgha (ritratt nru.1), li ghandha parti moghtija l-konkrit, parti art imbattma u parti ohra madum, li skont l-intimat kienet l-art li fuqha kien hemm zewgt ikmamar u li twaqqghu recentament. Dan jidher fir-ritratt nru.2 fejn jidhru ukoll il-parti li ma twaqqghetx li jikkonsistu f'pilastri tal-gebel, blajjet, soqfa tal-konkos u madum ta' l-art. Fuq ix-xellug tad-dhul, kien hemm kamra b'zewg moghziet.*

*Fuq wara ta' din il-fetha, kien hemm zewg gallinari tal-wire, wahda bit-tigieg u l-ohra vojta. F'din il-parti tar-raba kien hemm harruba kbira u erbgha ohra zghar, 2 taz-zebbug, lumija, laringa u hawha li mietet din is-sena (ritratt nru.3).*

*Iktar 'l gewwa kien hemm zewg stalel (ritratt nru 4) li huma mibnija b'hajt tal-gebel ta' 4 filati u l-hitan ta' xi zewg metri gholja bil-hadid u njam. Kien hemm ukoli randa, tina, zewg rummien, bajtar tax-xewk, zebbuga kbira u zebbuga ta' x 4 snin.*

*Il-parti ta' gewwa hija ghalqa zghira li kienet mahruta friska u hemm indikazzjoni li l-ahhar prodott kien patata (ritratt nru.5). Il-hamrija hija ta' lewn skur li jaghti indikazzjoni cara li din il-parti hija mdemmla sew u ta' spiss.*

*Fil-parti ta' wara ta' din l-ghalqa li tinhadem, hemm parti ohra tal-ghalga li hija maqtugha ghaliha permess ta' bicca hajt u bicca hadid jew pallets ta' l-injam (ritratti 6, 7 u 8). F'nofs dan i-bicca hajt hemm tank li jista jaghti wiehed x'jifhem li jintuza bhala access minn parti ta' l-ghalqa ghall-ohra, skont kif iddikjara r rikorrent, izda michud mill-intimat.*

*Skont l-intimat, l-ghalqa mmarkata nru.2 fuq il-pjanta, li r-rikorrent iddikjara li hi mqabbla, l-istess intimat iddikjara li hu m'ghandux x'jaqsam maghha. In-rikorrent iddikjara li jaf li qed jahdimha xi hadd iehor izda ma jafx minn min. Ghaldaqstant, l-access fuq l-ghalqa nru.2 ma sarx.*

**Ikkunsidra**

Jirrizulta fix-xhieda tar-rikorrent, illi huwa sahaq illi l-kuntratt kien '*sena b'sena*' u ghalhekk kellu dritt jiehu lura l-ghalqa.

Il-Bord, madankollu, josserva, illi ma taqax fil-kompetenza tieghu illi jordna lill-intimat jivvakaw l-art abbazi tal-fatt illi l-kirja spiccat u ghalhekk kienu bla titolu, peress illi dik taqa' fil-kompetenza ta' Qrati ohra, u mhux dana il-Bord, u ghalhekk ma huwiex ser iqis tali argumentazzjoni mressqa mir-rikorrent, anke fis-sottomissjonijet ta' l-abbli difensur tieghu.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta, illi wahda mill-argumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti sabiex jiehu lura l-rt kienet illi kien sar bini kontra l-ligi u bla permess tieghu.

Jirrizulta ammess, fix-xhieda tar-rikorrent stess, illi meta huwa wella l-art in kwistjoni originalment lill Anthony Delia u Martin Vassallo, huwa kien ippermettilhom sabiex itellghu kamra sabiex l-intimati jkunu jistu jzommu zwiemel hemm.

Jirrizulta, di fatti, illi l-intimati tellghu zewgt kmamar ossija stalel ghaz-zwiemel taghhom, liema stallel jirrizulta illi ghadhom hemm sal-gurnata ta' llum, u gew vizjonati mill-Membri Teknici tal-Bord.

Jirrizulta, madanakollu, kif ammess mill-intimat Anthony Delia stess, illi inbnew zewgt ikmamar ohra illi kienu msaqqfin bil-pjanci tal-hadid, kif del restu jidher fir-rittratti esebiti mir-rikorrent a fol 17 u 18 tal-process.

Jirrizulta illi sussegwentement, ir-rikorrent irrapporta tal-bini lill-MEPA u eventwalment l-intimat waqqghu dawna z-zewgt ikmamar u hallew, kif jghidu l-Membri Teknici "*parti ohra madum, li skont l-intimat kienet l-art li fuqha kien hemm zewgt ikmamar u li twaqqghu recentament".*

Jirrizulta illi l-intimati jikkontendu illi meta ftehmu origialment bejniethom, il-ftehim kien illi jtella zewgt kmamar ossija stallel sabiex izomm iz-zwiemel filwaqt illi r-rikorrent jikkontendi illi l-ftehim kien illi jtella kamra wahda biss ghal tali uzu.

Jirrizulta, madanakollu, illi ghalkemm tali stallel ittellghu u setghu gew verifikati mill-Membri Teknici waqt l-access taghhom, ittellghu ukoll kmamar ohra, kif jidher fir-ritratti esebiti mir-rikorrent u allegatament mehudha mill-MEPA, liema kmamar, izda, ma setghu jigu vizjonati mill-Membri Teknici stante illi, sal-mument illi sar l-access, il-kmamar kienu lahqu twaqqghu, kif ikkonfermaw ukoll l-intimati.

Jirrizulta ghalhekk ben ippruvat illi l-intimat ghamlu zvilupp fl-ghalqa meritu tal-kawza odjerna minghajr il-permess tar-rikorrenti, liema zvilupp kien ukoll wiehed mhux permessibbli u illegali stante illi l-art tinstab gewwa zona ODZ, ossija Outside Development Zone.

Ghalhekk jidher ippruvat illi l-intimati kissru l-kundizzjonijiet tal-kirja meta bnew kmamar ohra u, ghalkemm fil-mument tal-access, tali kmamar ma kienux hemm, jirrizulta ppruvat illi meta tniedet il-kawza odjerna, dawn il-kmamar kienu ghadhom hemm.

## Ikkunsidra

Jirrizulta illi argumentazzjoni ohra illi ressaq ir-rikorrent sabiex jiehu lura l-art in kwistjoni kienet illi huwa kellu bzonn tali art ghalih.

Mill-provi prodotti, irrizulta illi r-rikorrent kien applika fis-sena 2008 sabiex jaghmel 'cow farm', liema applikazzjoni, madanakollu, kienet giet michuda mill-Awtorita, anke in vista ta' oggezzjonijiet ta' girien. (fol 32)

Jirrizulta ukoll illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa kellu razzett bil-permess biex izomm il-bhejjem, liema razzett, madanakollu, ittehidlu lura mill-Gvern fis-sena 2006, bir-rizultat illi huwa ma ssetax jibqa jahdem.

Jirrizulta ukoll illi r-rikorrent jikkontendi illi rizultat ta' tali fatt, huwa kellu joqtol l-bhejjem kollha illi kellu u li ma kienx qieghed jahdem.

Jirrizulta, madanakollu, illi prova sabiex jissustanzja tali allegazzjonjiet huwa ma ressaq xejn.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-intimati allegaw u ippruvaw illi l-intimat, flimkien mat-tifel tieghu, xtara razzett iehor u qieghed jizviluppah bhala 'Goat Farm' (fol 98).

Jirrizulta, ghalhekk, illi ghalkemm ir-rikorrent jikkontendi illi huwa ghandi bzonn l-ghalqa ghall-skopjiet agrikoli, huwa ma ressaq ebda prova in sostenn ta' dan u, anzi, gie muri illi attwalment huwa applika biex jottjeni permess ta' 'goat farm' go razzett iehor illi huwa kien akkwista.

Ghalhekk, il-htiega tar-raba ghal skopijiet agrikoli ma giex ippruvat.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta, finalment, illi fl-eccezzjonjet preliminari taghhom, l-intimat Martin Vassallo eccepixxa illi huwa kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma kellu x'jaqsam mal-kirja.

Jirrizulta, di fatti, mill-provi prodotti, u partikolarment ir-ricevuti illijidhru fil-ktieb tal-kera a fol 183 sa 189 tal-process, illi ghalkemm inizjalment Martin Vassallo kien kera l-ghalqa flimkien ma' Twanny Delia, ossija fid 19 ta' Marzu 1997, fis-snin sussegwenti, il-kera kienet tghajjat lill Twanny Delia u Raymond Delia, u ghalhekk, l-ahjar kirja pendenti qabel it-tnedija tal-proceduri odjerni kienet f'isem Twanny Delia u Raymond Delia.

Ghalhekk, l-eccezzjoni preliminari ta' Martin Vassallo jisthoqq illi tintlaqa.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,

Wara illi ra id-dokumentazzjoni kollha prodotta u x-xhieda imressqa quddiem il-Bord

Wara illi ra is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Jghaddi biex jaqta u jiddeciedi l-kaz billi

**Jilqa'** l-eccezzjoni preliminari, ossija eccezzjoni numru tnejn (2) fejn intalbet illi Martin Vassallo ghandi jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, u ghalhekk

**Jillibera** mill-osservanza tal-gudizzju lill Martin Vassallo,

**Jichad** l-eccezzjonijiet l-ohra kollha ta' l-intimati, u ghalhekk

**Jilqa** it-talba attrici abbazi tal-fatt illi l-intimati ghamlu zvilupp kontra l-ligi u uzaw ir-raba mhux skond id-destinazzjoni miftiehma, u ghalhekk

**Jordna** lill-intimati sabiex, fi zmien tlett xhur mill-lum, jivvakaw l-ghalqa maghrufa bhala ta' 'tal-Kapuccini' fil-Kalkara, kif ahjar deskritta fir-rikors promotur u fir-rapport tal-Membri Teknici, u jawtorizzaw lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess ta l-istess ghalqa wara t-trapass tal-periodu ta' tlett xhur stipulat hawn fuq.

Spejjez kollha tal-proceduri odjerni, inkluz dawk ta' Martin Vassallo, ikunu a kariku ta' l-intimati Anthony delia u Raymond Delia.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur